**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 16 ta' Settembru 2024**

**Kumpilazzjoni Nru. 735/2024**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Christian Cauchi)**

**vs**

**Antonio Maria Murtore**
**Karta tal-Idenita' bin-numru 0197805A**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Antonio Maria Muratore** li ġie akkużat talli nhar il-Ħadd 15 ta' Settembru 2024 għall-ħabta tas-siegħa ta' flgħodu (01:00HRS) u/jew fil-ħinijiet ta' qabel jew ta' wara dan ġewwa r-residenza fond 'Brighton', Flat 1, Triq Sant' Antnin, Ħaż-Żabbar u/jew fi bnadi oħra ġewwa dawn il-gżejjer Maltin:

1. Ikkaġuna lis-sieħba tiegħu Jessica Vinciprova biża li se tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta' tagħha jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti tagħha, liema delitt twettaq kontra il-konjuġi jew is-sieħba preżenti jew ta' qabel, twettqet vjolenza qabel jew waqt it-twettiq tad-delitt;
2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u taħt l-istess ċirkustanzi mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja tas-sieħba tiegħu Jessica Vinciprova f'periklu ċar, voluntarjament ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u ċioe' offiża ta' natura ħafifa fuq is-sieħba tiegħu, l-istess Jessica Vinciprova hekk kif ġiet iċċertifikatha mit-tabiba Dr Med Stephanie Grech M.D bin-numru tar-reġistrazzjoni mediku 4133 minn ġewwa ċ-ċentru tas-saħħa tal-Furjana u dan meta d-delitt sar fuq il-persuna ta' il-konjuġi attwali jew eks konjuġi, kif wkoll meta d-delitt sar fuq is-sieħba tiegħu Jessica Vinciprova li tkun qiegħda tgħix fl-istess dar bħall-ħati jew li kienet tgħix mal-ħati qabel ma twettaq ir-reat kif wkoll meta d-delitt sar fuq is-sieħba tiegħu Jessica Vinciprova li tkun jew kienet f'relazzjoni mal-ħati kemm bil-ħsieb li tiżżewweġ u kemm jekk le;

3. Għamel inġurji jew theddid lil Jessica Vinciprova liema inġurji mhux imsemmijin band'oħra f'dan il-Kodiċi, jew jekk kien pprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti proċesswali kollha;

Rat il-kunsens tal-Avukat Ġenerali;

Semgħet, fis-seduta tal-lum, lill-imputat jammetti li huwa ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u semgħatu jikkonferma l-ammissjoni tiegħu anke wara li l-Qorti tagħtu żmien jikkunsidra l-pożizzjoni tiegħu u spjegatlu l-pieni relattivi għall-imputazzjonijiet;

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena idonea li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputat.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni ta' ħtija reġistrata mill-imputat fis-seduta tal-lum fir-rigward tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, il-Qorti ssib lill-imputat ħati tal-istess imputazzjonijiet.

Illi fir-rigward tal-piena li għandha tiġi nflitta fuq l-imputat, il-Qorti tosserva illi l-imputat għandu fedina penali netta u rreġistra ammissjoni fl-iżjed stadju bikri ta' dawn il-proċeduri. Il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni li skont l-informazzjoni fornita mill-Prosekuzzjoni, l-parte civile ma tixtieqx li l-imputat jingħata piena karċerarja effettiva iżda piena li żżommu 'l boghod minnha u ta' deterrent biex ma jirrepetix dan l-inċident.

Illi għalhekk il-Qorti hija tal-fehma illi l-imputat għandu jiġi trattat b'piena ta' terminu ta' priġunerija sospiża.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat Artikolu 202 (h) (i) (v) (vi), 214, 215, 221 (1), 251 (3), 251H (a) (f), 251HA, 339 (1) (e) tal-Kodiċi Kriminali, tiddikjara lill-imputat **Antonio Maria Muratore** ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu u tikkundannah għal tmintax (18)-il xahar priġunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali qegħdin jiġu sospiżi għal terminu ta' tliet (3) snin mil-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju ai termini tal-artikolu 28A (4) u tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-import ta' din is-sentenza u x'jiġri jekk jikkommetti reat ieħor punibbli bi priġunerija fi żmien tliet (3) snin mil-lum.

In oltre, ai termini tal-artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti qiegħda toħroġ Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-ħati sabiex tiġi kawtelata Jessica Vinciprova u dana bil-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet mogħti kontestwalment u li jiffurmaw parti ntegrali minn din is-sentenza.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**